missioTFAL

Uffiċċju Missjunarju MALTA u GĦAWDEX
(VO/1178)

www.missio.org.mt

Merħba Tfal!

Din is-sena MissioTfal se jkun qed jgħin tfal bħalkom mill-Etjopja, li huwa pajjiż fl-Afrika. MissioTfal se jgħin lill-Co-Action Deaf School, skola li tilqa' tfal neqsin mis-smigħ, tismagħhom u tifhimhom.



Jekk tixtieq tgħin:

❶ Agħti donazzjoni żgħira mill-karus tiegħek.

❷ Pinġi stampa, itfa' l-flus f'invilopp u ħudu l-iskola.

❸ Importanti li timla d-dettalji tiegħek fuq l-invilopp.

❹ Ħu ħsieb itlob għal dawn it-tfal.

Għal kull 50ċ li tiġbor, agħti l-kulur lil waħda minn dawn l-istampi.



Grazzi mill-qalb għad-donazzjoni tiegħek.

Maleda hija tifla nieqsa mis-smigħ. Ma tistax tagħmel ħafna ħbieb għax hi tista' tikkomunika biss b'ġesti b'idejha u mhux kulħadd jifhimha. Għalhekk, ħafna drabi tħossha waħedha. Imma fil-Co-Action Deaf School, Maleda qiegħda titgħallem il-lingwa tas-sinjali u qed jirnexxielha tikkomunika mat-tfal l-oħra. La tikber hija tixtieq issir għalliema u diġà qiegħda tgħin tfal oħra iżgħar minnha jitgħallmu huma wkoll il-lingwa tas-sinjali.

Din l-iskola ilha tgħin tfal neqsin mis-smigħ għal dawn l-aħħar 40 sena. Imma issa din l-iskola għandha bżonn kbir ta' manutenzjoni u riżorsi aktar moderni sabiex tkompli tgħin lil dawn it-tfal bl-aħjar mod possibbli. Hemm bżonn ta' aktar għalliema u materjal speċjali għalihom sabiex ikunu jistgħu jitgħallmu. Irid isir ukoll ħafna xogħol fl-iskola sabiex jinħoloq ambjent aktar sigur u sabiħ għal dawn it-tfal.

Għalhekk, bid-donazzjoni tagħkom se tkunu qed tgħinu din l-iskola tikber u tilqa' aktar tfal bħal Maleda, sabiex jitgħallmu u jikbru fi tfal kunfidenti b'tama li l-ħolm tagħhom isir realtà.

Aħna lkoll nagħmlu parti mill-familja dinjija ta' Alla.

(Agħti l-kulur lit-tfal fl-istampi u pinġi lilek innifsek fil-kaxxa l-vojta.)

missioTFAL

Uffiċċju Missjunarju MALTA u GĦAWDEX
(VO/1178)

L-Ameriki

L-Ewropa

L-Afrika

L-Asja

L-Oċeanja

Pinġi lilek innifsek hawnhekk

Isem u Kunjom:	
Indirizz:	
Skola:	**Klassi:**
Imejl:	**Mowbajl:**

Kunsens tal-Ġenituri / ***Legal Guardians:***

Jiena nagħti l-kunsens tiegħi biex it-tifel/tifla tiegħi jagħti/tagħti d-dettalji t'hawn fuq biex jintużaw għall-promozzjoni marbuta ma' Missio matul is-snin 2026 u 2027.

Isem: ..... Firma: .....

Data: .....

Nru. 7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171, Malta | Missio: Nru. 150, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128. | Tel: 2123 6962 | Imejl: info@missio.org.mt | www.missio.org.mt
Nru. 7, Triq l-Imgħallem, ir-Rabat VCT 9066, Għawdex | Tel: 2155 0267 | Imejl: gozo@missio.org.mt